MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 611/2004

**Denis Muscat**

**vs**

**Joseph Meilaq**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-5 ta' Novembru, 2004 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400), import ta' erba' kambjali, kopji annessi bhala Dok A.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija nulla stante l-invalidita' tal-kambjali in kwistjoni in kwantu ma gewx iffirmati mit-traent ai termini ta' l-Artikolu 135 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, essendo illi l-konvenut huwa mizzewweg, il-firma tal-mara hija rikjesta *ad validitatem* liema firma ma saritx.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jeccepixxi n-nullita' tal-kambjali peress illi dawn ma gewx iffirmati mit-traent ai termini ta' l-Artikolu 135 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-eccezzjoni hija rizultat tal-kopji tal-kambjali esebiti ma' l-Avviz, Dok. A1 u Dok A2, minfejn jidher in-nuqqas tal-firma tat-traent u cioe' l-attur.

L-attur spjega illi kien l-istess konvenut illi gab il-kambjali ffirmati u lesti. L-attur ha fotokopja taghhom qabel ma ffirma u bi zball esebixxa l-fotokopja. Waqt is-seduta tas-26 ta' mejju, 2005, l-attur esebixxa l-original tal-kambjali minfejn jidhru l-firem tieghu bhala traent u tal-konvenut illi qieghed jaccetta l-obbligazzjoni.

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi l-Qrati taghna ghal fini ta' pratticita' huma disposti li jaccettaw fotokopji ta' dokumenti minflok l-original, dawk ta' l-ewwel pero' dejjem iridu jigu awtentikati biex il-Qorti tkun tista sserrah mohha li l-fotokopja hija vera kopja ta' l-original. Il-kopji esebiti ma' l-avviz mhumiex awtentikati u ghalhekk il-Qorti ma tistax taccettahom, aktar u aktar meta fil-mori tal-kawza gew

esebiti l-originali.  Huma dawn id-dokumenti illi din il-Qorti sejra tikkonsidra ghal fini ta' l-eccezzjoni tal-konvenut.

Irrizulta, li l-kambjali gew mimlija u li ffirmati mill-konvenut u moghtija lill-attur ghall-firma tieghu.  Il-Qorti ma tara xejn hazin f'din il-procedura, peress illi mhuwiex necessarju li l-kambjala tintela mit-traent, basta li tigi ffirmata minnu bhala sinjal tal-volonta tieghu li jobbliga ruhu kambjalment versu kwalunkwe possessur tat-titolu.

Il-Professur Carlo Mallia fin-noti tieghu, "Diritto Commerciale", libro secondo, pagna 261 jghid, "La cambiale, in fine, deve essere iffirmata dall traente. Questo e' il requisito piu' essenziale, e per la ragione piu' ovvia dell mondo. … La firma si pone in calce alla cambiale, quasi per ratificare quanto venne esposto in essa.  Notisi che e' necessaria soltanto la firma e non ci vuole che tutto il contesto cambiario sia scitto di pugno dell traente …"

Dan hu proprju dak li gara f'dan il-kaz, il-konvenut bhala accettant ta' l-obbligazzjoni mela l-kambjala u ffirmha u ta lill-attur biex sussegwentement jaghmel il-firma tieghu fuqha.  Hekk sar u l-Qorti ma tara xejn hazin f'din il-procedura.  Wara kollox, darba li l-kambjali jigu ggirati, dana jsir fl-original taghhom u mhux bil-fotokopja u fuq l-original ir-rekwisiti ghall-valitidta' huma kollha milhuqa u l-Qorti ma tara xejn null fihom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, il-Qorti tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rigward it-tieni eccezzjoni, il-konvenut qal li l-firma tal-mara tieghu hija rikjesta *ad validitatem,* liema firma ma saritx.  Bir-rispett, il-konvenut ma gab l-ebda prova jekk l-attur huwiex mizzewweg jew le.  Fil-fatt, il-konvenut qatt ma deher il-Qorti, la biex jaghti x-xhieda tieghu u lanqas biex isegwi l-proceduri, u ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll misthoqq li tkun michuda.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, xehed l-attur fejn ta spjegazzjoni ta' l-obbligazzjoni wara l-kambjala, liema

obbligazzjoni pero', m'hijiex relevanti ghal fini ta' din l-azzjoni, illi hija wahda kambjarja li misthoqq illi tkun milqugha mill-Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut illi jhallas is-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400) import ta' erba' kambjali.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------